MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Numru. 646/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**vs**
**Joseph Grech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Grech, ta’ 42 sena, bin Joseph u Josephine nee’ Farrugia, imwieled Qormi nhar 9 ta’ Marzu, 1963, residenti fil-fond numru Flat 7, St Mary Flats, Triq A Cunningham, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-idenita numru 156363 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-lejl ta’ bejn is-7 u it-8 ta’ Gunju, 2005, gewwa Triq il-Bahhara, San Pawl il-Bahar;

a) seraq ghodda li jiswew aktar minn mitt lira Maltin (LM100.00) ghad-detriment ta’ Saviour Attard liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, mezz u hin;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Lulju 2005 (esebit *a folio* 29 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta’ Jannar, 2009 l-imputat iddikjara li ma’ kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw serq ta’ ghodda minn container fi Triq Barbara, San Pawl il-Bahar liema serq sehh fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta’ Gunju 2005 ghad-detriment ta’ Saviour Attard. F’dawn il-proceduri xehed Saviour Attard[1] li qal li huwa jahdem bhala foreman ma’ Attard Brothers u li xi tlett snin qabel id-data li fiha kien qed jixhed kien mar fuq il-lant tax-xoghol u sab il-container sgassat u xi ghodda misruqa. Huwa ma kienx f’posizzjoni jindika la l-valur preciz tal-ghodda misruqa u l-anqas x’ghodda effettivament giet misruqa. Waqt l-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2009 xehed ukoll PS 839 Stephen Micallef li spjega li r-rapport maghmul minn Salvatore Attard kien hadu PS 664 Jason Scerri izda huwa kien assista lil dan tal-ahhar billi mar fuq il-post. Dan ix-xhud qal li kien ra l-container sgassat u spjega li kien ingabar CCTV footage minn fejn setghu jaraw persuna tisgassa l-containers u huma dehrilhom li l-persuna li kienet tidher fil-footage kienet tixbah lill-imputat li kien maghruf maghhom u huma ghalhekk ghaddew din l-informazzjoni lill-Ispettur

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 33 sa 35 tal-atti processwali.

Investigattiv li imbaghad kompla bl-investigazzjonijiet tieghu. Waqt l-udjenza tas-27 ta' Novembru 2009 xehed PS 664 Jason Scerri li pprezenta kopja tal-okkorrenza u ndika x'kien ra fuq il-post tad-delitt.

Ikkunsidrat:

Illi jinghad mill-ewwel li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ghalkemm inghatat perijodu ta' zmien sostanzjali sabiex tressaq il-provi taghha naqset milli ggib kwalsiasi prova li torbot lill-imputat mas-serqa li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna. La gie esebit ic-CCTV footage li ghamel referenza ghalih PS 839 fix-xhieda tieghu u l-anqas ma' ngabet kwalsiasi prova ohra li tindika li l-imputat kien fuq ix-xena tad-delitt u kien b'xi mod involut fl-istess delitt. Jinghad inoltre li lanqas ma' ngabu provi dwar min kien id-derubat, ghaliex mix-xhieda ta' Saviour Attard jirrizulta biss li huwa kien impjegat bhala foreman ma' Attard Brothers u ma' jirrizultax jekk fil-fatt l-ghodda misruqa kinitx tappartjeni lilu personalment jew altrimenti lis-socjeta' li huwa kien impjegat maghha, u lanqas ingab elenku tal-ghodda misruqa jew altrimenti stima dwar il-valur tal-istess ghodda.

Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-imputazzjoni minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------